6 ta' Novembru 2020

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
-6 NOV 2020
ST FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Avviz:* | *GN NA 04/20* |
| *Sit:* | *Special Area of Conservation _ site of International importance parcel of land in l-Inhawi tal- Wej, limits of Mosta* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Rikors ta' l-appell ta' John Camilleri (Flat 1, Waratah Apartments, Triq Patri Avertan Fenech, Mosta MST 2041)**

L-Appellanti jesponu bir-rispett:-

Illi fis-sena 2020 inhareg l-avviz fuq imsemmi.

Illi saret talba sabiex l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi u l-Ambjent (ERA) tirrikonsidra id-decizjoni taghha skond il-Ligi u dan in relazzjoni ma diversi porzjonijiet ta' art liema porzjonijiet ta' art jaghmlu parti minn territorju akbar li lkoll gie klassifikat bhala Special Area of Conservation.

Illi il-Bord ta' l-ERA tlaqqa fil- 25 ta' Settembru 2020, u cahad it-talbiet kollha ghar-rikonsiderazzjoni.

Illi l-appellanti ihossuhom aggravati minn din id-decizjoni u qeghdin jinterponu appell quddiem dan it-Tribunal.

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja ta' l-Avviz ta' l-Awtorita li qed tigi apellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti jissottomettu ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej:

1. Illi l-appellanti flimkien ma terzi attendew is-seduta fuq imsemmija, izda jidher li fl-istess seduta kien hemm ferm izjed informazzjoni a disposizzjoni mill-informazzjoni li kienet disponibbli ghall-appellanti qabel l-istess seduta.
2. Illi qabel is-seduta, l-appellanti talbu spjega tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni in kwistjoni, u l-informazzjoni li inghataw kienet l-istess informazzjoni li kien hemm fl-istandard Data form sottomessa lill-Kummissjoni Ewropea sabiex ikun hemm gustifikazzjoni tal-process.
3. Ma inghatat l-ebda data u informazzjoni specifika dwar il-proprjeta ta' l-appellanti u dak li instab fl-istess proprjeta u fil- madwar b' mod specifiku u li wassal ghad-decizjoni originali.
4. Illi anke u waqt is-seduta fuq imsemmija, bdiet tinghata l-impressjoni illi minkejja tali protezzjoni certu attivita setghat issir

jew tibqa issir, minnghajr pero ma inghatat raguni valida li wasslet ghal din il-konkluzjoni.

5. Illi jidher ukoll car illi id-drittijiet tal-appellanti gew ukoll lezi mill-fatt illi huma gew infurmati li l-proprjeta taghhom kienet giet klassifikatat bhala SAC wara li l-istess Awtorita innotifikat b' dan lill-Kummissjoni Ewropea, u wara li l-istess Kummissjoni approvat din il-klassifikazzjoni. Illi skond il-legislazzjoni Ewropea, wara li l-Kummissjoni Ewropea tapprova tali klassifikazzjoni, l-istat, tramite l-ERA, huwa obbligat li jikkonferma il-klassifikazzjoni ta' sit bhala SAC, u dan anke f' terminu perentorju. B' hekk, il-process ta' rikonsiderazzjoni u kontestazzjoni huwa kollu irrilevanti stante li l-appellanti ma inghatawx dritt li jaghmlu l-osservazzjonijiet u l-presentazzjonijiet taghhom qabel ma tittiehed decizjoni li torbot.
6. Illi f' kull kaz is-sit ta' l-appellanti kien u ghadu sit li jintuza ghall-skopijiet agrikoli u li jinsab fl- ODZ u ghandu ukoll protezzjoni fil-Pjan Lokali. Is-sit jinsab cirkondat minn zona ta' l-izvilupp u certament li dan irid jittiehed fil-kuntest tieghu. Dan qieghed jinghad ghaliex is-sit diga ghandu livell adegwat ta' protezzjoni, u il-klassifikazzjoni addizzjonali li inghatat timponi pizijiet u obbligi sproporzjonati fuq l-appellanti bhala sidien ta' l-art in kwistjoni. Dan bi pregudizzju u bi ksur tad-drittijiet taghhom.

Ghaldaqstant, l-appellanti qed jitolbu li l-*files* li ssir referenza ghalihom jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnha lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu filwaqt li jilqa l-appell intavolat, jordna

illi l-Avviz fuq imsemmi jigi revokat fil-konfront ta' l-appellanti, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**

**Lista ta' xhieda:**

Konsulenti interni u esterni ta' l-Awtorita u tal-Kummissjoni ewropea kif ukoll ufficjali ta' l-istess sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz, il-procedura adoperata, kazijiet simili, kif ukoll dwar il-policies vigenti.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**